**25 ta' Marzu, 1994**

**Imhallef:-**

**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**

Il-Pulizija
(Spt. Martin Bayliss)

*versus*

Daniel Frendo

**Truffa**

*L-elementi essenzjali tar-reat ta' truffa huma att li bih tiġi murija haġa b'ohra, magħmul bi skop li jġiegħel titwemmen l-esistenza ta' krediti immaġinarji, u li permezz tiegħu l-aġent jagħmel qligħ bi hsara ta' haddiehor.*

*Il-fatt li l-appellant jikkwalifika l-aġir tiegħu bhala 'self-protective' u mhux bhala ingann ma jbiddel xejn, għaliex effettivament huwa għażel li jipproteġi l-interessi tiegħu billi propju jinganna lit-terz interessat.*

Il-Qorti:-

Is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tas-7 ta' Settembru, 1993 li minnha sar l-appell preżenti taqra hekk:-

"Rat l-imputazzjoni mahruġa mill-Pulizija kontra l-imputat hawn fuq imsemmi talli f'dawn il-Gżejjer, u ċjoè fit-13 ta' Mejju, 1991, b'mezzi kontra l-liġi, jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor,

ingann, jew billi wera ħaġa b'oħra, sabiex iġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew krediti immaġinarji għamel qligħ ta' Lm250 għad- dannu ta' *Arcidiacono Limited* ta' l-Imsida;

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Ġenerali biex dan il-każ jiġi ttrattat u deċiż bi proċedura sommarja. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament inkluż l-imputat minn jeddu;

Rat l-atti kollha tal-proċess;

Ikkunsidrat:

Illi rriżulta mill-provi li xi żmien ilu l-imputat xtara mingħand id-ditta Arcidiacono kamra tas-sodda bil-prezz ta' Lm1300. Din l-għamara kien fiha gwardarobba bi *sliding doors* u mera fuq wara. Wara ftit xhur, l-injam beda jitgħawweġ u l-mera nkisret sakemm fl-aħħar il-bieba waqgħet 'il-barra;

L-imputat ilmenta mad-ditta Arcidiacono dwar din il-ħsara, u meta rawha talbu Lm 250 biex jirranġawha. L-imputat deherlu li l-ħsara kienet dovuta għal manifattura u ma kellux iħallas għal tali tiswija però d-ditta Arcidiacono rrifjutat li ssewwi jekk ma titħallasx u għalhekk l-imputat meta sab ruħu f'din il-pożizzjoni aċċetta li jħallas u x-xogħol sar. Meta ġie għall-ħlas l-imputat għamel ċekk ta' Lm250 iżda qabel ma għamlu, ċempel il-bank sabiex twaqqaf il-ħlas u b'hekk ġara li d-ditta Arcidiacono ma tħallsitx għax-xogħol ta' tiswija li għamlet. Sussegwentement fil-mori ta' din il-kawża, l-imputat ħallas l-ammont dovut u l-kreditu tad-ditta Arcidiacono ġie sodisfatt;

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat qed jiġi addebitat bir-reat ta' 'Truffa' skond id-dispost tal-Art 308 tal-Kodiċi Kriminali. Dan ir-reat hu deskritt mill-Carrara (*Parte Speciale* Vol. IV P.501) bħala: '*Il fine immediato dell' agente e di indurre altri a spogliarsi di una propietà. Il risultato l'evento nel quale consiste la consumazione del malefizio e' la consegna della cosa ottenutasi merce' la frode del propretario ingannato.*';

Dan it-tagħlim tal-Carrara jinkwadra bis-sħiħ fil-każ in eżami. L-imputat ma kellu l-ebda ħsieb jonora l-obbligazzjoni minnu assunta u nganna lid-Ditta Arcidiacono li tesegwixxi x-xogħlijiet u għalihom l-imputat ma riedx iħallas u nqeda biċ-ċekk biex iġiegħel titwemmen kreditu li fil-fatt ma kienx jeżisti peress illi l-imputat stess aċċerta ruħu li ċekk ma kienx ser jissarraf u dana qabel ma ppresentah lil Arcidiacono;

Il-Qorti tifhem il-frustrazzjoni li ħass l-imputat meta, wara li ħallas dawk il-flus kollha sab ruħu ffaċċat bi spejjeż oħra li tagħhom ma kellu l-ebda tort. Forsi, id-ditta Arcidiacono ma kinitx għal kollox onesta fir-relazzjoni tagħha ma' l-imputat u hemm element ta' rikatt fl-operat tagħha, però l-imputat seta' kellu mezz ċivili biex jieħu sodisfazzjon u żgur li ma setax jirrikorri għall-ingann;

Fil-kawża fl-ismijiet "**Il-Pulizija vs Francis Debono**" deċiża mill-Qorti ta' l-Appell fit-8 ta' Ottubru, 1992 l-elementi essenzjali tar-reat dedott ġew deskritti bħala (a) att li bih tiġi murija ħaġa b'oħra, (b) magħmul bi skop li jġiegħel titwemmen l-esistenza ta' krediti immaġinarji u (c) li permezz tiegħu l-aġent jagħmel qligħ bi ħsara ta' ħaddieħor;

Kwantu għall-ewwel element (a) m'hemmx dubju li l-

imputat wera lid-ditta Arcidiacono ħaġa b'oħra. Bl-emissjoni minnu taċ-ċekkijiet in kwistjoni, lil Arcidiacono tah x'jifhem li kien ser jitħallas tax-xogħol li sar mentri, fil-fatt ma kienx il-każ;

It-tieni element jirrigwarda il-'*mens rea*'. L-imputat deliberatament ħareġ ċekk meta kien jaf li ma kienx ser jissarraf. Dan kien att volut u predeterminat tant li l-imputat ċempel il-bank u għamel *'stop-payment'* fuq iċ-ċekk qabel ma tah lil Arcidiacono u b'hekk ġiegħel lil dan ta' l-aħħar jemmen l-eżistenza ta' kreditu immaġinarju;

Rigward l-aħħar element irriżulta *li l*-imputat għamel *qligħ* bi ħsara tad-ditta Arcidiacono peress li akkwista xogħol *a* skapitu ta' din id-ditta li allura tajjeb jew ħażin sofriet danni. Kif ġie spjegat fil-kawża fuq imsemmija l-frażi: "qligħ bi ħsara ta' ħaddieħor'', fl-artikolu ċitat, ma tikkomprendix biss tali konsenja jew passaġġ ta' propjetà jew pussess. Bil-fatt li fid-data relattiva, ċ-ċekk ma ġiex imsarraf, l-appellant jiġi li ma ħallasx id-debitu tiegħu dovut dak in-nhar . . . .'. Għalhekk dan l-element ukoll irriżulta pruvat;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti wara li qieset iċ-ċirkostanzi kollha ta' dan il-każ, wara li rat l-artikolu 308 tal-Kodiċi Kriminali taqta' u tiddeċidi li ssib lill-imputat **ħati** talli f'dawn il-gżejjer u ċjoè fit-13 ta'Mejju, 1991, b'mezzi kontra l-liġi, jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq ieħor, sabiex iġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew krediti *immaġinarji għamel qligħ ta' Lm250 għad-dannu tad-ditta* Arcidiacono ta' l-Imsida;

Ikkunsidrat għal fini tal-piena li l-imputat għandu fedina penali netta u li ssodisfa l-kreditu tad-ditta fuq imsemmija,

kkunsidrat ukoll li forsi l-imputat għamel dak li għamel għax ħass ruħu *'unfairly treated'* mid-ditta Arcidiacono wara li kien ħallas dawk il-flus kollha u għalhekk mhux il-każ li din il-Qorti tuża severità tal-liġi fil-konfront tiegħu u jkun aktar opportun li minflok tillibera lill-imputat taħt il-kondizzjonijiet ta' l-artikolu 9 tal-Kap 152 bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat oħra fi' żmien sena mil-lum'';

Rat ir-rikors ta'l-appell tal-imputat Daniel Frendo li permezz tiegħu talab li din il-Qorti jogħġobha tirrevoka s-sentenza tal-ewwel Qorti u konsegwentament tilliberaħ mgħet it-trattazzjoni; tilliberah minn kull imputazzjoni u piena;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Semgħet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat:

L-appellant qiegħed jissottometti bħala aggravju prinċipali tiegħu illi l-provi miġbura ma jwasslux biex jiġi ppruvat sal-grad rikjest mil-liġi l-element frawdolenti *ossia* l-intenzjoni frawdolenti *da* parti tiegħu u senjatament l-intenzjoni li jagħmel profitt inġust a spejjes tad-ditta. Huwa ta ukoll ir-raġunijiet għaliex jissottometti dan. Fil-fatt jgħid li l-każ ġara 'l għaliex id-ditta Arcidiacono għalkemm il-ħsara kienet responsabbli għaliha hija, *cio nonostante* inġustament talbet lill-appellant biex iħallas żieda ta' mitejn u ħamsin lira (LM250) biex tissewwa din il-ħsara jew inkella kien ikollu jibqa' biha. Dan kien rikatt u għalkemm l-ewwel Qorti dan irrikonoxxietu, fl-istess ħin però osservat illi l-appellant kellu mezz ċivili biex jieħu sodisfazzjoni u żgur li ma setax jirrikorri għall-ingann. L-appellant pero jissottometti illi l-ewwel Qorti naqset li teżamina jekk l-appellant

kellux l-intenzjoni li jipprokura x-xogħol riparattiv b'ingann b'mod li dan ikun qed isir bi profitt inġust tiegħu. Huwa jżid jgħid illi għalkemm kellu l-intenzjoni li jottjeni l-eżekuzzjoni tax-xogħol għaliex kellu bżonn li r-riparazzjoni ssir, u wiegħed li jagħmel il-ħlas addizzjonali rikjest mid-ditta u ottjena x-xogħol, u *stante* li d-ditta rrikattatu u ġie ppruvat li huwa safa rrikattat, l-ewwel Qorti ma setgħet qatt tasal għall-konklużżjoni li huwa ried jagħmel qligħ bi ħsara tad-ditta. Huwa kellu żewġ toroq x'jagħżel - jew iħallas lid-ditta għalkemm ma kellux iħallas għall-ħsara li għaliha huwa responsabbli ħaddieħor jew jibqa' bil-ħsara. Huwa għażel l-ewwel triq iżda waqqaf il-pagament ta' dak iċ-ċekk għaliex ħass li d-ditta kienet sejra tisirqu. B'daqshekk m'għamilx qligħ bi ħsara tad-ditta, *stante* li kienet id-ditta li ppruvat tipprokura profitt inġust a spejjes tiegħu. L-intenzjoni tiegħu għalhekk ma kinitx waħda frawdolenti iżda '*self-protective*';

Huwa jissottometti ukoll illi biex ikun hemm l-element intenzjonali tar-reat tat-truffa, hemm bżonn li s-suġġett attiv tar-reat fil-mument tal-konsumazzjoni tiegħu ikun konxju ta' l-inġustizzja tal-profitt u b'dan il-mod il-leġittima produttività tal-profitt hija biżżejjed biex teskludi d-dolo;

Din il-Qorti ma taqbilx ma din is-sottomissjoni ta' l-appellant. Il-*punto di partenza* għandu jkun illi jekk l-appellant ħass illi d-difett żviluppa tort tad-ditta Arcidiacono, is-soluzzjoni ma kinitx illi jieħu l-liġi b'idejh u jipprova jottjeni x-xogħol riparattiv billi jinganna lid-ditta Arcidiacono u jagħtiha x'taħseb illi se jħallas għal dak ix-xogħol, imma li effetivament jagħmel użu mill-mezzi kollha legali illi tagħtih il-Liġi u li din il-Qorti m'għandhiex għalfejn tidħol fihom. L-appellant *invece* addotta sistema li intrinsikament biha inganna lid-ditta Arcidiacono tagħmillu xogħol fuq pretensjonijiet foloz u dana jinkwadra ruħu

perfettament kif *del resto* osservat l-ewwel Qorti fid-definizzjoni tad-delitt li tiegħu ġie misjub ħati. Il-fatt illi l-appellant qed jikkwalifika l-aġir tiegħu bħala *'self-protective'* u mhux bħala ingann, ma jbiddel xejn, għaliex effettivament huwa għażel li jipprotegi l-interessi tiegħu billi proprju jinganna lit-terz interessat;

F'dawn iċ-ċirkostanzi għalhekk din il-Qorti m'għandhiex alternattiva ħlief li tiċħad l-appell kif ser tagħmel;

Għal dawn il-motivi tiċħad l-appell u konsegwentement tikkonferma s-sentenza appellata.